Il-ġuri tal-Ingliż akkużat b'assoċjazzjoni għal traffikar ta' droga

# Il-verdett mistenni llum

minn Ray Abdilla

**Il-futur ta' Steven John Lewis Marsden, Ingliż ta' 48 sena minn Sheffield, l-Ingilterra u li għandu residenza f'San Pawl il-Baħar mistenni jkun magħruf illum wara nofs in-nhar hekk kif l-Imħallef mistenni jibgħat lill-Ġurati jiddeliberaw fuq il-każ.**

L-Imħallef Joseph Galea Debono beda l-indirizz tiegħu lill-Ġurati għall-ħabta tal-11.00 a.m. tal-bieraħ filgħodu wara li t-Tnejn filgħodu Marsden beda għaddej ġuri fuq assoċjazzjoni biex tiġi traffikata d-droga f'Malta.

Dan il-ġuri li qed jinstema' minn seba' Ġurati rġiel u żewġ nisa u qed isir bl-Ingliż minħabba li l-akkużat ma jifhimx bil-Malti. Wara li t-Tnejn filgħaxija l-Avukat Joe Brincat fiehem lill-ġurati b'mod mill-aktar legali iżda ċar li l-klijent tiegħu għandu jiġi meħlus minħabba li d-droga li ġab Malta qatt ma kienet fil-lista ta' drogi irregolari skond il-liġi Maltija, saret ir-replika min-naħa tal-Prosekuzzjoni mmexxija mill-Kap fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, l-Avukat Anthony Barbara.

Dan qal li l-akkużat ried jimporta Malta l-ecstacy u li kieku kien jaf li kien qed iġib droga li ma kinitx irregolari ma kienx ikollu għalfejn jaħbiha fil-Pajero. L-Avukat Joe Brincat rega' wieġeb għan-naħa tad-difiża fis-sessjoni tal-bieraħ filgħodu biex hekk kif temm mill-punti legali tiegħu, kien imiss lill-Imħallef biex jibda l-indirizz fejn spjega l-punti l-aktar important tal-liġi lill-Ġurati biex dawn jaslu għal deċiżjoni korretta.

**Il-każ imur lura għall-2006 meta l-akkużat inqabad b'aktar minn 50,000 pillola moħbija fil-karozza**

Marsden qed jiġi akkużat b'kap wieħed ta' akkuża jiġifieri li fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Lulju tas-sena 2006 assoċja ruħu mad-droga. Dan kien seħħ meta l-Pulizija kienu arrestawh, fuq suspett li kellu ammont sostanzjali ta' pilloli ecstasy, mal-wasla tiegħu f'Malta bil-katamaran "Maria Dolores".

L-akkuża tgħid li Marsden kien ippjana li jimporta f'Malta b'mod illegali u bi ftehim ma' ħaddieħor kwantità ta' droga. Fil-fatt fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Lulju tas-sena 2006 u fix-xhur ta' qabel hu ppjana li jagħmel dan minn Alicante fi Spanja, b'mod illegali bi ksur tal-liġi u bi ftehim ma' persuna oħra.

L-akkużat, qed ikun mixli wkoll li kellu l-ħsieb speċifiku li f'Malta iġib il-pilloli ecstacy, u li dan għamlu biex jippjana u jipprovdi attività illegali fil-pajjiż li kienet tagħmel ħsara lis-soċjetà Maltija.

L-akkuża tgħid ukoll li b'dan il-ħsieb kriminali, Marsden sar ħati ta' assoċjazzjoni li jittraffika drogi perikolużi kontra l-liġi. L-Avukat Ġenerali qed jitlob li Marsden jiġi kkundannat għal għomru l-ħabs u multa ta' mhux anqas minn €2,364 u mhux aktar minn €118,203.

# L-Awtorità dwar il-Komunikazzjoni tintervjeni f'kampanja ta' reklamar

**L-Awtorità dwar il-Komunikazzjoni interveniet fi kwistjoni bejn tnejn mill-operaturi ewlenin tal-mobajl rigward kwistjoni f'kampanja ta' reklamar.**

L-Awtorità rriferiet għal talba li għamlet xi ġimgħat ilu l-Vodafone rigward il-kumpanija ta' reklamar minn GO. Vodafone qalet li fir-reklami tagħha GO sostniet li hi l-aħjar *provider* f'dak li hi innovazzjoni, esperjenza tal-klijenti u l-aktar kumpanija ta' min jorbot fuqha. Dan kien ibbażat fuq stħarriġ ikkummissjonat minn GO stess u għalhekk ma kienx ippubblikat.

L-Awtorità qalet li kkomunikat ma' GO u esprimiet it-tħassib tagħha dwar dan it-tip ta' reklamar. L-Aworità sostniet li dawk kollha involuti fis-settur tal-komunikazzjoni għandhom jassiguraw li kwalunkwe stħarriġ li jservi bħala bażi għal dikjarazzjonijiet fil-media għandu jkun ippubblikat.

L-Awtorità qalet li jekk stħarriġ bħal dan ma jkunx ippubblikat, jista' jwassal għal sitwazzjoni fejn kumpaniji jagħmlu dikjarazzjonijiet dwar il-prodotti u s-servizzi tagħhom jew tal-kompetituri tagħhom mingħajr ma jkunu jistgħu jiġu vverifikati dwar il-korrettezza u l-preċiżjoni tagħhom.

L-Awtorità qalet li jekk dikjarazzjoni f'reklam tkun ibbażata fuq stħarriġ magħmul mill-istess kumpanija, dan għandu jkun dikjarat b'mod ċar fl-istess reklam.

Min-naħa tagħha GO wieġbet għal din l-istqarrija tal-Awtorità dwar il-Komunikazzjoni. GO sostniet li kienu saru diversi riferenzi fil-media dwar l-istħarriġ imsemmi. Dan jikkonferma li GO hi l-kumpanija tal-komunikazzjoni bl-aħjar servizz ta' valur għall-flus, esperjenza tal-kljient, innovazzjoni u ta' min jorbot fuqha. Għab-bażi ta' dan ir-riżultat, GO nidiet kampanja skond l-istħarriġ li sar b'mod xjentifiku mill-kumpanija GfK.

Riżultati dettaljati dwar l-istħarriġ kienu ppubblikati fit-18 ta' Diċembru li għadda f'intervista mogħtija minn uffiċjal tal-GO lill-*business supplement* tat-*Times of Malta*.

L-istħarriġ kien ikkummissjonat fis-sajf li għadda lil waħda mill-kumpaniji ewlenin dwar l-istħarriġ. GfK hi kumpanija ewlenija fit-taħriġ tas-swieq u tinsab f'aktar minn 100 pajjiż madwar id-dinja.

GO żiedet li GfK għamlet stħarriġ fil-fond fis-settur tal-komunikazzjoni f'Malta b'enfasi fuq il-livell tal-esperjenza tal-klijenti minn diversi operaturi. Dan l-istħarriġ sar b'mod xjentifiku u bħalu sar stħarriġ għal kumpaniji oħra magħrufa internazzjonalment bħalma huma T-Mobile u Telefonica.

Ir-rapport wera li l-klijenti ta' GO huma aktar sodisfatti minn dawk taż-żewġ operaturi l-oħra prinċipali fis-suq lokali u bl-istess mod irriżultaw konklużjonijiet oħra.

GO qalet li għaddiet il-kummenti tagħha lill-Awtorità dwar id-dikjarazzjoni li għamlet l-istess Awtorità u esprimiet it-tħassib tagħha filwaqt li ssostanzjat ir-riżultati tal-istħarriġ. Tenniet li taqbel li l-kampanji ta' reklamar tagħha u ta' kull kumpanija oħra għandhom ikunu bbażati fuq stħarriġ xjentifiku.

## Għajnuna ta' €300,000 lill-Għaqdiet mhux Governattivi meta jieħdu fondi tal-UE

Il-Gvern se jkun qed jgħin finanzjarjament lill-Għaqdiet mhux Governattivi meta dawn jieħdu fondi mill-Unjoni Ewropea għal proġetti billi jħallas parti mis-somma li dawn jeħtieġu jonfqu.

B'hekk meta dawn jieħdu fondi tal-UE biex iwettqu xi proġetti huma jħallsu parti żgħira biss mis-sehem tagħhom. Din l-għajnuna hi possibli permezz tal-Fond tas-Soċjetà Ċivili tal-Unjoni Ewropea.

Għal dan il-għan il-Gvern qed jalloka madwar €300,000 mill-baġit tal-Kumitat ta' Azzjoni bejn Malta u l-Unjoni Ewropea (MEUSAC), minbarra is-somma ta' €300,000 li l-Gvern alloka għall-istess skop għall-Kunsilli Lokali fil-baġit li għadda.

Waqt preżentazzjoni ta' fondi lill-Għaqdiet mhux Governattivi fl-uffiċċji tal-MEUSAC, is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjon Chris Said spjega kif il-Gvern, permezz tal-MEUSAC se jkun qed jgħin lil dawn l-organizzazzjonijiet billi jiggarantixxi li jħallas parti jew is-somma sħiħa tal-kofinanzjament.

Dan għaliex meta l-organizzazzjonijiet japplikaw għall-fondi huma jkollhom iħallsu perċentaġġ minnhom. Issa l-Gvern qed jiggarantixxi li jgħinhom b'dan il-ħlas.

Jirriżulta li fl-2008 minn fost 36 Għaqda mhux Governattiva li applikaw 27 minnhom li ħadu fondi mill-Fond tas-Soċjeta Ċivili biex ikunu jistgħu iwettqu l-proġetti tagħhom.

Chris Said spjega li l-MEUSAC għandu tlitt funzjonijiet importanti.

Dawn huma li joffri informazzjoni u għajnuna lill-NGO's dwar l-opportunitajiet li jeżistu għalihom fl-Unjoni Ewropea u li jmexxi l-*Funding Unit* li bħalissa diġà għandu numru ta' Kunsilli Lokali u NGO's li jistgħu japplikaw għall-fondi. Funzjoni oħra hi dik li l-MEUSEC jgħin fil-ko-finanzjament li jingħata lilhom b'garanzija mill-Gvern.

Iffranka l-ħin, ibbukkja on line
fuq il-website
www.eurotours.com.mt
fejn issib l-informazzjoni dettaljata dwar il-ġiti u d-destinazzjonijiet kollha tal-Euro Tours